MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## LINO FARRUGIA SACCO

Seduta tat-30 ta' Novembru, 2009

Citazzjoni Numru. 513/2008

Grace Debono armla ta' Anthony, Roger Debono u Caroline Farrugia armla ta' Dottor Anthony H. Farrugia
vs
Dr. Lawrence Pullcino u martu Marthese Pullicino

Il-Qorti,

**A. RIKORS:**

Rat ir-rikors mahluf tar-rikorrenti li bih esponew:

1. Illi r-rikorrenti huma proprjetarji ta' fond "Villa Debono" Triq il-Liebru Swieqi, li hija attigwa mar-residenza ta' l-intimati 13, Triq il-Liebru, Swieqi ossia jezisti hajt komuni divisorju bejn "*drive-way*" tar-rikorrenti mal-gnien ta' l-intimati.

2. Illi l-intimati ilhom zmien hawwlu numru ta' sigar tac-cipress, li illum kibru hafna tant li qed jipperikolaw l-

integrita` tal-hajt divizorju, qeghdin jinfirxu b' mod li jidhlu fuq il-proprjeta` tal-rikorrenti u jwaqqghu weraq, frieghi u zrieragh fuq il-proprjeta` tar-rikorrenti u sahansitra qieghedin jaghmlu hsara fl-art tad-"*drive-way*" tar-rikorrenti minhabba l-gheruq taghhom, b' dan li qed jinqala' l-madum ta’ l-istess "*drive-way*".

3. Illi dan qed jigri b’konsegwenza tal-mod inespert u kontra l-ligi li bih l-intimati hawwlu l-imsemmija sigar, meta fost affarijiet ohra l-anqas ma zammew id-distanzi rikjesti mill-ligi sabiex sigar ta' dik il-kwalita' ma jeffettwawx hsara lil hitan divisorji.

4. Illi dan l-agir tal-intimati qed jikkawza hsarat u jibqa' hekk jikkawza sakemm jittnehhew, u dan bhala konsegwenza ukoll ta' negligenza, imperizja u nuqqas ta' tharis tal-ligi u regolamenti rilevanti da parte tal-intimati.

5. Illi minkejja li interpellati sabiex jnehhu s-sigar imsemmija u jaddivjenu ghall-likwidazzjoni bonarja tad-danni, il-intimati baqghu inadempjenti,

Ighidu ghalhekk il-intimati ghaliex din il-Qorti m' ghandhiex:

1. Tiddikjara li is-sigar fuq imsemmija thawwlu b' mod illegali inkwantu li mhumiex boghod minn xulxin u mill-hajt divisorju kif trid il-ligi u regolamenti rilevanti kif intqal fuq;

2. Tiddikjara li bhala konsegwenza l-intimati huma responsabbli ghall-hsarat ikkawzati mill-istess sigar fil-proprjeta` tar-rikorrenti kif intqal fuq;

3. Tillikwida l-imsemmija danni okkorrendo bl-opra ta' periti nominandi;

4. Tikkundanna lill-intimati jhallsu lill-rikorrenti d-danni kif hekk likwidati;

5. Tordna lill-intimati sabiex fi zmien qasir u perentorju jirrimwovu s-sigar imsemmija jew jesegwixxu xogholijiet fuq l-istess li jelimina kull perikolu ghall-hajt divisorju u

ghall-proprieta' tal-rikorrenti, u dan skond il-pariri u taht is-supervizjoni ta' perit nominat mill-Qorti;

6. Fin-nuqqas li l-intimati jottemperaw rwiehom fiz-zmien lilhom moghti, tawtorizza li dawn ix-xogholijiet ossia tnehhija ta' sigar jigi esegwit mill-rikorrenti a spejjes ta’ l-intimati.

Bl-ispejjes kontra il-intimati li jibqghu ngunti ghas-subizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda prezentata mir-rikorrenti.

**B. RISPOSTA:**

Rat ir-risposta ta’ l-intimati li biha esponew:

1. Illi fl-ewwel lok il-kawza ma setghetx tigi istitwita qabel ma jithallsu l-ispejjez ta’ kawza ohra b’mertu identiku Citazzjoni Numru 1152/03GV fl-istess ismijiet, liema kawza marret dezerta fis-16 ta’ Awwissu 2006. Kwindi l-konvenuti ghandhom jigu liberati mill-osservanza tal-gudizzju.

*2.* Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, ma hux minnu li s-sigar in kwistjoni huma mhawwla kontra l-ligi, u lanqas hu minnu li ikkawzaw xi hsara fil-proprjeta` ta' l-atturi kif jippretendu l-istess atturi.

3. Illi l-atturi, la qabel il-kawza u lanqas mal-atti tar-rikors guramentat ma ipprezentaw certifikat peritali li juri, almenu *prima facie*, bazi teknika dwar il-kawza tal-hsara li minnha qed jilmentaw l-istess atturi. Fil-fatt il-konvenuti diga' kienu wiegbu permezz tal-perit tekniku taghhom.

4. Illi fir-rigward tad-dispozzjonijiet ta’ l-Artikolu 437 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta, ghandhom jigu applikati fil-konfront u a beneficcju tal-konvenuti, l-effetti ta’ l-Artikolu 2140 ta' l-istess Kap. tal-Ligijiet.

5. Salvi risposti ulterjuri.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet l-abili difensuri.

Ikkunsidrat

**C. PROVI:**

Illi l-kawza odjerna giet differita biex il-Qorti taghti d-decizjoni taghha fuq l-ewwel eccezzjoni ta' l-intimati u cioe` fuq li "l-kawza ma setghetx tigi istitwita qabel ma jithallsu l-ispejjez ta' kawza ohra b'mertu identiku Citazzjoni Numru 1152/03GV fl-istess ismijiet, liema kawza marret dezerta fis-16 ta' Awwissu 2006. Kwindi l-konvenuti ghandhom jigu liberati mill-osservanza tal-gudizzju."

Fil-15 ta' Lulju 2008 (fol 14) il-Qorti tat lill-konsulent legali ta' l-intimat sas-26 ta' Settembru 2008 ghal nota ta' osservazzjonijiet bil-visto jew notifika tal-kontro parti li kellha sas-6 ta' Novembru 2008 ghal nota responsiva. Fid-9 ta' Dicembru 2008, peress li hadd ma pprezenta noti, il-Qorti estendiet it-terminu lill-intimat sat-30 ta' Jannar 2009 u awtorizzat lill-kontro parti tipprezenta risposta anke fin-nuqqas tan-nota originali sas-27 ta' Frar 2009, izda xorta wahda ma sarux in-noti.

Fil-kawza 1152/03GV fil-15 ta' Frar 2006 ma deher hadd u l-kawza ghalhekk giet differita *sine die* u baqa' ma sar xejn sal-14 ta' Awissu 2006 meta l-kawza giet dezerta.

**D. KUNSIDERAZZJONIJIET:**

Il-bazi ta' din l-eccezzjoni hija l-Kap 12 art. 907 li jghid hekk:

"(1) Ir-rinunzja ggib l-istess effetti tad-dezerzjoni.

(2) Il-parti li tirrinunzja ghall-atti ghandha thallas l-ispejjez tal-kawza u hija ma tistax tibda kawza ohra ghall-istess haga, qabel ma tkun fil-fatt hallset dawk l-ispejjez lill-parti l-ohra."

Illi Dr. Charmaine Galea ghall-intimat ipprezentat fit-12 ta' Gunju 2009 Dokument LP1 li jinsab a fol 19 *et* tal-process minn fejn jirrizulta li kienet giet istitwita kawza fil-Prim'Awla numru 1152/03GV fl-ismijiet Anthony Debono *et* vs Dr.

Lawrence Pullicino *et*. Din il-kawza, kif jirrizulta a fol 28 tal-process, kienet giet imhollija *Sine Die* fil-15 ta' Frar 2006, u kif jirrizulta a fol 20, fl-14 ta' Awissu 2006 giet dezerta skond it-terminu ta' l-artikolu 964 tal-Kap 12 billi ghalqet iz-zmien ikkontemplat f'dak l-artikolu.

Ma jirrizultax li hemm kontestazzjoni dwar il-fatti, izda r-rikorrenti jippretendu li l-artikolu in kwistjoni ma japplikax ghall-kaz in ezami minhabba li l-artikolu 907 (2) jitkellem dwar il-parti li tirrinunzja ghall-atti waqt li fil-fehma taghhom fil-kawza 1152/03GV ma kienx hemm rinunzja ghall-atti izda l-kawza spiccat dezerta. Sostnew li hemm ghalhekk distinzjoni qawwija li l-kawza li ghaliha ssir rinunzja ghall-atti minn dik li tispicca *Sine Die* u tmur dezerta. Jinsistu li l-effetti tad-dezerzjoni u rinunzja huma differenti u li l-ligi ma irregolatx il-pozizzjoni fil-kaz ta' dezerzjoni ta' kawza.

Ghalhekk fil-kaz in ezami irrizulta li z-zewg azzjonijiet u l-kawzali huma simili (**Aquilina vs Spiteri** PA, deciza fil-31 ta' Mejju 1961 – XLV-II-673) u l-atturi regghu fethu kawza ohra ghall-istess haga. Fil-kawza fl-ismijiet **Giovanna Mangion vs Joseph Meli Bugeja et**, deciza mill-Qorti tal-Kummerc fit-30 ta' Gunju 1960 (XLIV-III-771) intqal li:
"Illi, skond il-ligi, ir-rinunzja ggib l-istess effetti tad-dezerzjoni, u l-parti li tirrinunzja ghall-attijiet ghandha thallas l-ispejjez tal-kawza, u hija ma tistghax tibda kawza ohra ghall-istess azzjoni qabel ma tkun fil-fatt hallset dawk l-ispejjez lill-parti l-ohra (art. 910(1)(2) Kodici tal-Procedura Civili);

Illi l-imsemmija dispozizzjoini tal-ligi tapplika, kif gie ritenut f'bosta sentenzi tat-tribunal taghna, anki meta l-azzjoni tigi riproposta f'Qorti diversa minn dik li quddiemha kienet giet qabel proposta; ...

Illi l-attrici lanqas ma tista' tissupplixxi ghad-difett tar-rifuzjoni ta' dawk l-ispejjez bl-offerta tal-hlas taghhom waqt it-trattazzjoni tal-kawza riproposta;"

## E. KONKLUZJONIJIET:

Ghal dawn il-motivi tilqa’ l-ewwel eccezzjoni li ma setghetx tigi istitwita l-kawza odjerna qabel ma jithallsu l-ispejjez ta’ kawza ohra b’mertu identiku Citazzjoni Numru 1152/03GV fl-istess ismijiet, liema kawza marret dezerta fis-16 ta’ Awwissu 2006.

Ghalhekk tillibera lill-intimati mill-osservanza tal-gudizzju.

Spejjez kontra r-rikorrenti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------